MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Ġunju, 2017

Rikors Maħluf Numru 1124/15LM

**Maltco Lotteries Limited (C-32326)**

***vs.***

**(1) Ministru tal-Finanzi; (2) Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar. B'nota tat-3 ta' April 2017 assuma l-atti minfloku l-Ministru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi; (3) L-Awtorità Maltija dwar il-Logħob u (4) Gaming Operations Limited li ġiet imdaħħla f'din il-kawża *in statu et terminis* b'digriet tad-29 ta' Diċembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Maltco Lotteries Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), maħluf mid-direttur tagħha **Vasileios Kasiotakis** u ppreżentat fis-27 ta' Novembru, 2015, li jgħid kif ġej:

> *Illi wara proċess pubbliku, twil u dettaljat ta' aġġudikazzjoni, is-soċjetà rikorrenti Maltco Lotteries Limited ("Maltco"), ingħatat id-dritt mill-intimat Ministeru tal-*

*Finanzi permezz ta' konċessjoni għal għaxar snin iffirmata fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, 2012 sabiex topera l-Lotterija Nazzjonali ("Konċessjoni") taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Lotteriji u l-Logħob (Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Att") u dan bis-saħħa ta' liċenzja maħruġa mill-intimata Awtorità Maltija tal-Logħob, ġja Awtorità Maltija tal-Logħob u Lotteriji ("MGA") fl-istess data tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, 2012 ("Liċenzja");*

*Illi skont l-istess Konċessjoni u Liċenzja ffirmati mill-intimati u s-soċjetà rikorrenti, il-Maltco ġiet esklussivament maħtura għal għaxar (10) snin sabiex tiġġestixxi l-logħbiet tal-Lotterija Nazzjonali kif definita fil-liġi (Avviż Legali 73 tal-2004 maħruġ taħt l-Att) filwaqt illi ngħatat il-Liċenzja, il-permessi u l-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa fil-liġi bl-istess Liċenzja u Konċessjoni sabiex topera logħbiet oħrajn imsejħa fl-istess dokument bħala "Additional Games";*

*Illi fid-data tal-għotja tal-Konċessjoni u l-ħruġ tal-Liċenzja – sitwazzjoni li għadha hekk sal-lum – fil-liġi Maltija ma kien hemm ebda strument leġiżlattiv (la primarju u lanqas sekondarju) li kien jirregola jew jagħti s-saħħa lill-intimati jew min minnhom sabiex speċifikatament jilliċenzjaw, jirregolaw u jikkontrollaw is-suq Malti f'logħob li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' Additional Games għajr għall-istess Liċenzja tal-Lotterija Nazzjonali li tinħareġ taħt l-artikoli 26 et seq. tal-Att;*

*Illi kien għalhekk illi l-intimati kienu ħadu d-deċiżjoni illi jilliċenzjaw it-tpoġġija fis-suq, it-tmexxija u l-ġestjoni tal-Additional Games mis-soċjetà mittenti fil-Liċenzja tal-Lotterija Nazzjonali flimkien mal-logħbiet li jiffurmaw parti mill-istess Lotterija Nazzjonali (definiti bħala National Lottery Games) u huwa in forza ta' din l-istess Liċenzja illi s-soċjetà rikorrenti llum tmexxi u tista' tmexxi l-istess Additional Games, tagħti kont dettaljat ta' din it-tmexxija lill-intimata MGA li tirregolaha estensivament u tħallas it-taxxa fuq il-logħob lill-intimat Ministeru tal-Finanzi, dejjem skont il-liġi, il-Liċenzja u l-Konċessjoni;*

*Illi iżda kemm fil-Liċenzja kif ukoll fil-Konċessjoni fis-seħħ bejn il-partijiet f'din il-kawża huwa stipulat li r-rikorrenti Maltco tirrikonoxxi li fi kwlunkwe żmien tul il-Liċenzja tista' tiġi promulgata liġi li tirregola l-Additional Games u li <u>wara</u> l-promulgazzjoni ta' tali liġi li tiftaħ is-suq tal-Additonal Games, l-MGA tkun tista' tilliċenzja entitajiet oħrajn sabiex joperaw f'dak is-suq tal-Additional Games;*

*Illi dan id-dritt ġie espressament rikonoxxut u maqbul bejn il-partijiet u aktar minn hekk il-partijiet qablu kemm fil-Liċenzja kif ukoll fil-Konċessjoni dwar kif eventwalment kellu jinfetaħ is-suq u fost l-oħrajn ġie stipulat fil-Liċenzja b'mod dettaljat kif f'dik l-eventwalità l-Maltco kienet ser tgħaddi taħt ir-reġim il-ġdid, kif il-Maltco kienet ser tingħata tmintax (18)-il xahar ta' perjodu tranżitorju u kif l-eventwali reġim il-ġdid ma kellux jikkontjeni kundizzjonijiet anqas favorevoli minn dawk tal-Liċenzja għall-Maltco;*

*Illi iżda minkejja dawn id-Dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u l-Konċessjoni, bi ksur tal-istess, u minkejja li sal-lum għad ma hemm l-ebda reġim regolatorju li ddaħħal wara l-firma tal-istess Liċenzja u Konċessjoni sabiex jirregola l-Additional Games, f'Ġunju tal-2015 bdew jinfetħu minn terz ħwienet tal-logħob illi jipprovdu Additional Games madwar Malta u dan mingħajr ma ġie minimament segwit l-iter li ġie pattwit illi kellu jiġi eżegwit meta u xħin l-intimati jew min minnhom jiddeċiedu illi jiftħu s-suq fl-Additional Games;*

*Illi l-Maltco kkonfrontat lill-MGA diversi drabi dwar l-istat illegali u manifestament kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u l-Konċessjoni u inkredibbilment l-istess Awtorità intimata ma wriet l-ebda interess illi tikkonforma ma' dak illi hija stess, kif ukoll il-Ministru intimat (possibilment suċċedut fit-titolu mill-Ministru l-ieħor intimat il-Ministru tal-Ekonomija), qablu li jagħmlu – għal kuntrarju tat definizzjoni illegali u skorretta ta' liġi li kienet diġà teżisti qabel il-firma tal-Liċenzja u Konċessjoni li skont hija tagħtija l-awtorità meħtieġa sabiex tawtorizza terzi joperaw f'Malta l-Additional Games;*

*Illi dan l-aġir qed jirreka danni inġenti lis-soċjetà rikorrenti illi l-anqas ħaġa illi tista' tistenna mill-Gvern ta' Malta u Awtorità Regolatorja bħalma hi l-MGA hija li dawn iwettqu dak illi ftiehmu u intrabtu illi jwettqu. Fl-aħjar ipoteżi, dan l-aġir tal-intimati jew min minnhom jikkostitwixxi azzjoni manifestament żbaljata u bbażata fuq interpretazzjoni kompletament skorretta tal-liġi applikabbli u fl-agħar ipotesi, fid-dawl tal-fatt illi l-MGA qed tinvoka bħala bażi għal-liċenjzjar illum ta' Additional Games lil terzi liġi illi diġà kienet fis-seħħ fid-data tal-firma tal-Liċenzja u l-Konċessjoni, mala fede assoluta tal-intimati illi fl-2012, taw bl-aktar mod ċar lir-rikorrenti x'jifhem li, sakemm jiġi promulgat reġim regolatorju ġdid, kienet hija biss li kienet liċenzjata biex topera l-Additional Games f'Malta meta kien ġja imfassal kif, meta jkun il-waqt, ma jsirx dak li ġie espressament miftiehem billi tiġi invokata liġi ġja fis-seħħ fl-2012 biex jiġu liċenzjati terzi mingħajr ma jagħtu każ minimament dak li ż-żewġ intimati ntrabtu li jagħmlu;*

*Illi l-aġir tal-intimati jew min minnhom huwa gravi għaliex, kif ser jiġi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża, sa minn qabel mal-Awtorità tat il-permessi u/jew l-approvazzjonijiet meħtieġa u kontestati, hija kienet diġà mgħarrfa permezz ta' korrispondenza mas-soċjetà rikorrenti illi ma setgħetx taġixxi kif eventwalment aġixxiet u l-Awtorità intimata minkejja l-fatt illi kienet taf illi l-mod kif eventwalment kellha tiftaħ is-suq fl-Additional Games kien regolat mil-Liċenzja u l-Konċessjoni, minkejja l-fatt li f'ċirkostanza anteċedenti kienet ġiet imfakkra espressament b'dan il-fatt u totalment minn wara dahar is-soċjetà esponenti, l-Awtorità xjentement baqgħet għaddejja bl-aġir illegali tagħha li tawtorizza, tapprova u/jew tippermetti li jinkisru d-dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u l-Konċessjoni kif deskritt f'dan l-att;*

*Illi dan kollu qed joħloq ukoll konfużjoni totali fis-suq tal-Additional Games f'Malta, u apparti li qed jikser il-Liċenzja u l-Konċessjoni, ħoloq sitwazzjoni inaċċettabbli u manifestament illegali fejn, jekk għandhom raġun l-intimati jew min minnhom, operaturi li jipprovdu l-istess logħob f'Malta huma regolati minn reġimi differenti, liċenzji differenti u kundizzjonijiet (kif ukoll taxxi) differenti;*

*Illi l-istat jagħti konċessjonijiet u liċenzji pubbliċi sabiex dawn jiġu onorati kemm mill-konċessjonarju/a kif ukoll mill-awtorità kemm governattiva kif ukoll regolatorja li fuqhom l-ewwel jaqa' d-dmir tal-ħarsien tas-Saltna tad-Dritt u għalhekk f'dan il-każ, hija tassew ta' stmerrija partikolari li wara li r-rikorrenti ħallset miljuni ta' euro għall-Konċessjoni u Liċenzja, b'mod għalkollox abbużiv, arbitrarju u awtokratiku, jinkissru d-dispożizzjonijiet miftehmin fil-Konċessjoni u fil-Liċenzja mill-istess stat u awtorità regolatorja jew min minnhom wara biss anqas minn tliet snin;*

*Illi qabel ma kellha titressaq din il-kawża, is-soċjetà rikorrenti għamlet minn kollox sabiex tevita li jkollha tirrikorri għal dan ir-rimedju ġudizzjarju iżda l-intimata MGA ma wriet l-ebda rieda illi tonora d-dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u Konċessjoni u insistiet b'mod vag, ġenerali u diskrezzjonali mingħajr ebda bażi fil-liġi illi s-sitwazzjoni viġenti hija regolari u aċċettabbli. Dan jidher ċar anki mit-tweġiba għall-ittra uffiċjali tal-Maltco (Dokument A*[1]*) intavolata mill-istess MGA (Dokument B*[2]*) illi fiha l-MGA lanqas biss indenjat twieġeb it-talbiet fuq il-mertu;*

*Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet u għar-raġunijiet dettaljati li sejrin jiġu miġjuba u ppruvati waqt is-smigħ ta' din il-kawża, is-soċjetà rikorrenti Maltco umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi bil-liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob immexxija minn kwalunkwe terz operatur li jaqa' taħt l-ekwivalenti tal-Additional Games, l-intimati Ministru tal-Finanzi, Ministru għall-Ekonomija Investiment u Intrapriżi Żgħar u l-MGA jew min minnhom, kisru/kiser/kisret id-dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u l-Konċessjoni mogħtija lis-soċjetà rikorrenti;*

2. *Tħassar, tirrevoka u tannulla l-atti kollha li wasslu għal-liċenzjar awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' terz/i operatur/i f'Malta ta' logħob u magni li joffru logħob ekwivalenti għall-Additional Games bi ksur tal-Liċenzja u l-Konċessjoni;*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati solidalment jew mod ieħor jew min minnhom huma/huwa/hija responsabbli għad-danni kollha kaġunati, anke permezz tal-aġir in mala fede tal-intimati jew min minnhom, lis-soċjetà rikorrenti bħala riżultat ta' tali imġiba illegali;*

[1] *A fol.* 10 u 11 tal-proċess.
[2] *A fol.* 14 tal-proċess.

4. *Tillikwida dawn id-danni jekk huma meħtieġa bil-ħatra ta' periti;*
5. *Tikkundanna lill-intimati solidament jew mod ieħor jew min minnhom iħallsu/iħallas/tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-istess danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

Rat ir-rikors ta' **Gaming Operations Limited** (C-29897) ippreżentat fit-22 ta' Diċembru, 2015, fejn talbet li tintervjeni *in statu et terminis* minħabba li hija topera b'liċenzja taħt l-isem Izibet fis-settur tal-i*sports betting* wara li għaddiet minn proċess rigoruż, trasparenti u pjenament regolat mill-*Gaming Devices Regulations* (Avviż Legali 75 tal-2011) u minħabba t-tieni talba tas-soċjetà attriċi, jekk tiġi milqugħa, dan ikollu effett serju ħafna fuq il-liċenzja, l-investimenti, l-operazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet tagħha. Għalhekk talbet li tippreżenta l-atti u l-provi kollha neċessarji in sostenn tal-interessi tagħha.

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Diċembru, 2015 fejn il-Gaming Operations Limited ġiet mdaħħla fil-kawza *in statu et terminis* a tenur tal-artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u awtorizzatha, in vista li l-kawża kienet għadha fl-istadju fejn il-proċedura bil-miktub kien għadu mhux konkjuż, li tippreżenta risposta bil-miktub u tressaq il-provi li hemm bżonn in sostenn tal-interessi tagħha.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**Ministru tal-Finanzi** (minn issa 'l quddiem "il-Ministru tal-Finanzi konvenut") u tal-**Ministru għall-Ekonomija Investiment u Intrapriżi Żgħar** (minn issa 'l quddiem "il-Ministru konvenut") (u kollettivament minn issa 'l quddiem "il-Ministri konvenuti") maħlufa minn Dr Chris Cardona u ppreżentata fit-23 ta' Diċembru, 2015, fejn eċċepew:

1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-Ministru tal-Finanzi mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-konċessjoni li għamlet referenza għaliha s-soċjetà attriċi saret mill-Ministru responsabbli għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob a tenur tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor (Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll inkwantu 'l-liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob' jaqa' fil-mansjoni tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob;*

2. *Illi dejjem in linea preliminari u mingħajr preġudizzju, l-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar lanqas ma huwa leġittimu kontradittur għall-allegazzjonijiet u pretensjonijiet attriċi inkwantu l-allegazzjonijiet u t-talbiet tagħha jirreferu għal 'l-liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob' li jaqa' esklussivament fil-mansjoni tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob li topera b'mod indipendenti a tenur tat-Taqsima IV tal-Kap 438 dwar it-Twaqqif u Funzjonijiet tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob;*

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma kollha infondati sija fil-fatt u sija fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

   3.1 *Illi l-esponenti dejjem imxew mal-obbligi naxxenti mill-Konċessjoni tas-27 ta' Ġunju, 2012 kif sussegwentement emendata fil-15 ta' Frar, 2013 li għaliha hemm referenza fir-rikors promutur u mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti sussidjarji;*

   3.2 *Illi l-impressjoni mogħtija mis-soċjetà rikorrenti li jeżisti xi vaku legali u/jew nuqqas ta' leġiżlazzjoni li tirregola l-logħob fis-suq tal-Additional Games li allegatament qed toħloq 'konfużjoni totali' u/jew 'sitwazzjoni inaċċettabli u manifestament illegali' hija għalkollox infondata inkwantu tali regolamenti ilhom jeżistu sa min qabel ma nħarġet il-Konċessjoni/Liċenzja lis-soċjetà rikorrenti f'Lulju 2012 u għadhom viġenti sal-lum;*

   3.3 *Illi effettivament is-suq tal-Additional Games kien wieħed miftuħ sa minn qabel il-Konċessjoni* (recte) *u Liċenzja mogħtija lis-soċjetà rikorrenti f'Lulju 2012 u għalhekk il-premessa tas-soċjetà rikorrenti illi dan is-suq kellu jinfetaħ biss bil-promulgazzjoni ta' reġim leġiżlattiv ġdid wara l-imsemmija Konċessjoni/Liċenzja huwa għalkollox bla bażi;*

3.4 *Illi mhuwiex minnu dak allegat fir-rikors promotur illi l-intimati esponenti b'xi mod qablu u/jew intrabtu mas-soċjetà rikorrenti illi l-istess intimati ma jħallux lill-operaturi terzi illi joperaw fis-suq tal-Additional Games sakemm ma jigix promulgat regim ta' leġiżlazzjoni ġdida in konnessjoni ma dan is-settur. Illi kuntrarjament għal dak allegat mas-soċjetà rikorrenti, ma hemm pattwit l-ebda iter li kellu jiġi segwit qabel ma operaturi terzi jkunu jistgħu jiġu liċenzjati sabiex joperaw fis-settur tal-Additional Games. Għalhekk mhuwiex minnu illi l-intimati kisru u/jew qegħdin jiksru b'xi mod xi kundizzjoni tal-Konċessjoni u/jew tal-Liċenzja mogħtija lis-soċjetà rikorrenti sabiex topera l-Lotterija Nazzjonali, u dan kif allegat mis-soċjeta attriċi;*

3.5 *Illi l-intimati jiċħdu kategorikament illi huma aġixxew in mala fede u/jew li waqt in-negozjati li wasslu għal Konċessjoni/Liċenzja* (recte) *de quo, is-soċjetà rikorrenti ngħatat xi aspettativa illi hija kienet ser topera b'mod esklussiv fis-suq tal-Additional Games għal xi perjodu ta' żmien - senjatament sakemm jiġi promulgat xi reġim ta' leġiżlazzjoni ġdida in konnessjoni mal-imsemmi suq tal-Additional Games. Anzi matul l-imsemmija negozjati, inkluż fil-Call for Tenders illi saħansitra ppreċeda l-imsemmija negozjati, l-intimati bl-aktar mod ċar u inekwivoku għamluha ċara illi huma riedu jevitaw b'kull mezz illi jingħata xi dritt ta' esklussività fis-suq tal-Additional Games proprju sabiex ikun hemm kompetizzjoni libera fl-imsemmi suq;*

3.6 *Illi s-soċjeta attriċi ngħatat esklussività* <u>*biss*</u> *illi topera n-"National Lottery Games" imfissra fil-Konċessjoni bħala l-'Grand Lottery, Super 5 u Lotto' u ħallset il-flejjes imsemmija fir-rikors promotur esklussivament għall-kisba tal-esklussività għall-imsemmja Grand Lottery, Super 5 u Lotto. Kuntrarjament għall-impressjoni mogħtija mis-soċjetà attriċi, hija ma ħallset l-ebda sold sabiex topera fis-suq tal-Additional Games u għalhekk f'dan is-suq hija liċenzjata biss illi topera fuq bażi mhux esklussiv;*

3.7 *Illi s-soċjetà attriċi qiegħda fil-fatt tivvanta drittijiet illi hija m'għandhiex u bl-ebda mod ma kien il-ħsieb illi jingħatawlha u qiegħda tipprova testendi l-esklussività li tgawdi fis-settur tal-National Lottery Games għas-setturi l-oħra kollha tal-logħob u dan lil hinn minn dak illi ġie konċess lilha;*

*3.8 Illi kull allegazzjoni illi l-esponenti qegħdin jaġixxu b'mod abbużiv, arbitrarju, awtokratiku u/jew illegali qegħdin jiġu respinti bil-qawwa. Anzi huwa proprju l-kuntrarju u huwa dak illi l-istess soċjetà attriċi qiegħda tippretendi illi l-intimati għandhom jagħmlu illi joħloq stat ta' illegalità u abbuż partikolarment fil-konfront ta' operaturi terzi illi jixtiequ joperaw fis-suq tal-Additional Games fl-ambitu tal-liġijiet u regolamenti viġenti;*

*3.9 Illi għal dak li jirrigwarda t-talbiet għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilità għad-danni u likwidazzjoni tal-istess, l-esponenti jissottomettu li huma ma kkawżaw l-ebda danni lis-soċjetà attriċi u li għalhekk ma jirrispondu għall-ebda danni. F'kull każ u mingħajr preġudizzju s-soċjetà attriċi mhija qiegħda ssofri l-ebda danni inkwantu ma jeżisti l-ebda ksur tal-kundizzjonijiet tal-Konċessjoni/Liċenzja mogħtija lilha u kull allegazzjoni attriċi f'dan is-sens hija merament ipotetika u spekulattiva u insostenibbli kif se jirriżulta matul it-trattazzjoni ta' din il-kawża. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju ma jeżisti l-ebda ness bejn l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-esponenti u t-talba tas-soċjetà attriċi għad-danni allegatament sofferti minnha;*

*3.10 Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*[3]

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**Awtorità Maltija dwar il-Logħob** (minn issa 'l quddiem "l-Awtorità konvenuta"), maħlufa mic-*Chairman* Eżekuttiv Joseph Cuschieri u ppreżentata fl-04 ta' Jannar, 2016, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati sija fil-fatt u sija fid-dritt ;*

2. *Illi l-Awtorità esponenti qiegħda taqdi d-doveri tagħha ai termini tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti sussidjarji;*

3. *Illi l-impressjoni mogħtija mis-soċjetà rikorrenti illi jeżisti xi vaku legali u/jew nuqqas ta' leġiżlazzjoni li tirregola l-logħob fis-suq tal-Additional Games u li*

[3] Ġew annessi mar-Risposta Maħlufa, Dok. A - kopja awtentika tal-ittra uffiċjali responsiva tal-Ministru tal-Finanzi *a fol.* 32 tal-proċess, li biha ġie ribattut li l-mertu tal-istess jaqa' fi ħdan il-Ministru għall-Ekonomija, Investimenti u Intrapriżi Żgħar u fi ħdan l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob; u Dok. B – kopja awtentika tal-mandat ta' inibizzjoni 1852/15 intavolat mis-soċjetà attriċi preżenti kontra l-intimati Awtorità Maltija dwar l-Logħob *a fol.* 34 sa 64, inkluż id-digriet finali tal-P.A. fl-ismijiet **Maltco Lotteries Limited *vs.* L-Awtorità Maltija dwar il-Logħob** mogħti fit-18.01.2015.

*jeżisti xi ġungla f'dan is-suq hija għalkollox infondata u tali regolamenti ilhom jeżistu sa min qabel ma nħarġet il-Konċessjoni/Liċenzja lis-soċjetà rikorrenti f'Lulju 2012. Illi fil-fatt kwalunkwe approvazzjoni, awtorizzazzjoni u/jew liċenzja illi l-istess Awtorità ikkonċediet u/jew qiegħda tikkonċedi lill-operaturi terzi fis-settur tal-Additional Games qiegħed issir fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni viġenti u fil-parametri tas-setgħat mogħtija lilha bil-Liġi;*

4. *Illi s-suq tal-Additional Games kien wieħed miftuħ sa minn qabel il-Konċessjoni* (recte) *u Liċenzja mogħtija lis-soċjetà rikorrenti f'Lulju 2012 u għalhekk il-premessa tas-soċjeta rikorrenti illi dan is-suq kellu jinfetaħ biss bil-promulgazzjoni ta' reġim leġiżlattiv ġdid wara l-imsemmija Konċessjoni/Liċenzja huwa għalkollox bla bażi;*

5. *Illi mhuwiex minnu dak allegat fir-rikors promotur illi l-Awtorità esponenti b'xi mod qablet u/jew intrabtet mas-soċjetà rikorrenti illi l-istess Awtorità ma tħallix lill-operaturi terzi illi joperaw fis-suq tal-Additional Games sakemm ma jiġix promulgat reġim ta' leġiżlazzjoni ġdida in konnessjoni ma dan is-settur. Illi kuntrarjament għal dak allegat mas-soċjetà rikorrenti, ma hemm pattwit l-ebda iter li kellu jiġi segwit qabel ma operaturi terzi jkunu jistgħu jiġu liċenzjati sabiex joperaw fis-settur tal-Additional Games. Għalhekk mhuwiex minnu illi l-Awtorità esponenti kisret u/jew qiegħda tikser b'xi mod xi kundizzjoni tal-Konċessjoni u/jew tal-Liċenzja mogħtija lis-soċjetà rikorrenti sabiex topera l-Lotterija Nazzjonali, u dan kif allegat mis-soċjetà rikorrenti;*

6. *Illi l-Awtorità esponenti tiċħad kategorikament illi hija aġixxiet in mala fede u/jew li waqt in-negozjati li wasslu għal Koncessjoni/Licenzja* (recte) *de quo, s-socjetà rikorrenti ngħatat xi aspettativa illi hija kienet ser topera b'mod esklussiv fis-suq tal-Additional Games għal xi perjodu ta' żmien - senjatament sakemm jiġi promulgat xi reġim ta' leġiżlazzjoni ġdida in konnessjoni mal-imsemmi suq tal-Additional Games. Anzi matul l-imsemmija negozjati, inkluż fil-Call for Tenders illi saħansitra ppreċeda l-imsemmija negozjati, il-Gvern u l-Awtorità bl-aktar mod ċar u inekwivoku għamluha ċara illi huma riedu jevitaw b'kull mezz illi jingħata xi dritt ta' esklussività fis-suq tal-Additional Games proprju sabiex ikun hemm kompetizzjoni libera fl-imsemmi suq;*

7. *Illi s-soċjetà rikorrenti ngħatat esklussività <u>biss</u> illi topera n-"National Lottery Games" imfissra bħala l-Grand Lottery, Super 5 u l-Lotto. Illi s-soċjetà rikorrenti ħallset il-flejjes imsemmija fir-rikors promotur esklussivament*

*għall-kisba tal-esklussività għall-imsemmja Grand Lottery, Super 5 u l-Lotto. Illi kuntrarjament għall-impressjoni mogħtija mis-soċjetà rikorrenti, hija ma ħallset l-ebda sold sabiex topera fis-suq tal-Additional Games u għalhekk f'dan is-suq hija liċenzjata biss illi topera fuq bażi mhux esklussiv;*

8. *Illi s-soċjetà rikorrenti qiegħda fil-fatt tivvanta drittijiet illi hija m'għandhiex u bl-ebda mod ma kien xi ħsieb illi jingħatalha u qiegħda tipprova testendi l-esklussività li tgawdi fis-settur tal-National Lottery Games għas-setturi l-oħra kollha tal-logħob u dan lil hinn min dak illi ġie konċess lilha.*

9. *Illi kull allegazzjoni illi l-Awtorità esponenti qiegħda taġixxi b'mod abbużiv, arbitrarju, awtokratiku u/jew illegali qiegħda tiġi respinta bil-qawwa. Anzi huwa proprju l-kuntrarju u huwa dak illi l-istess soċjetà rikorrenti qiegħda tippretendi illi l-Awtorità għandha tagħmel illi joħloq stat ta' illegalità u abbuż partikolarment fil-konfront ta' operaturi terzi illi jixtiequ joperaw fis-suq tal-Additional Games fl-ambitu tal-liġijiet u regolamenti viġenti;*

10. *Illi għal dak li jirrigwarda t-talbiet għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilità għad-danni u likwidazzjoni tal-istess, l-esponenti tissottometti li hija ma kkawżat l-ebda danni. F'kull każ u mingħajr preġudizzju s-soċjetà attriċi mhija qiegħda issofri l-ebda danni inkwantu ma jeżisti l-ebda ksur tal-kundizzjonijiet tal-Konċessjoni/Liċenzja mogħtija lilha u kull allegazzjoni attriċi f'dan is-sens hija merament ipotetika u spekulattiva u insostenibbli kif se jirriżulta matul it-trattazzjoni ta' din il-kawża. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju ma jeżisti l-ebda ness bejn l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-esponenti u t-talba tas-soċjetà attriċi għad-danni allegatament sofferti minnha;*

11. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà intervenuta fil-kawża **Gaming Operations Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intervenuta") li ġiet ippreżentata fit-8 ta' Jannar, 2016 u maħlufa minn Johann Schembri, għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà intervenuta, li biha eċċepiet:

*Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fil-proċeduri fl-ismijiet premessi datat 29 ta' Diċembru, 2015, l-esponenti ġiet awtorizzata tintervjeni fil-proċeduri in status et terminis ai termini tal-artikolu 960 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tippreżenta*

*risposta bil-miktub u tressaq il-provi li hemm bżonn biex issostni l-interessi tagħha u għalhekk, in forza tal-imsemmija awtorizzazzjoni, l-esponenti qiegħda umilment tippreżenta r-risposta tagħha, li permezz tagħha tesponi bir-rispett li t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż:*

1. *Illi l-ewwel talba, li permezz tagħha l-intimati jitolbu għal dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sens li l-liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob immexxija minn kwalunkwe terz operatur li jaqa' taħt l-ekwivalenti tal-Additional Games, maħruġa mill-intimati tikser id-dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u l-Konċessjoni mogħtija lis-soċjetà rikorrenti, hija insostenibbli stante li fil-proċess li wassal għall-għoti tal-konċessjoni sabiex tiġi operata l-Lotterija Nazzjonali kien dejjem stipulat li l-Concession fee kienet qed titħallas biss għad-drittijiet ta' esklussività fuq il-logħob tal-Lottu, Super 5 u l-Grand Lottery u li logħob ieħor ma kienx ser jiġi milqut minn xi restrizzjoni bħala konsegwenza ta' din il-konċessjoni;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tieni talba tas-soċjetà attriċi li permezz tagħha s-soċjetà attriċi titlob it-tħassir, revoka u annullament tal-atti kollha li wasslu għall-liċenzjar, awtorizzazzjoni u jew approvazzjoni ta' terzi operaturi f'Malta ta' logħob u magni li joffru logħob ekwivalenti għall-Additional Games bi ksur tal-liċenzja u l-konċessjoni hija wkoll legalment insostenibbli, partikolarment għar-rigward tal-liċenzji maħruġa lis-soċjetà esponenti, stante li l-liċenzji tas-soċjetà intervenjenti ngħataw mill-awtorità intimata in forza ta' dispożizzjonijiet tal-liġi (Gaming Devices Regulations, LS. 438.07 promulgata permezz ta' l-AL 75/2011 kif emendat permezz ta' AL 426/2012 u AL 85/2014) u għalhekk ma jistax b'xi mod jitqies li l-aġir tal-awtorità u/jew tal-intimati l-oħra meta nħarġu dawn il-liċenzji kien b'xi mod ultra vires jew imur oltre l-poteri tal-intimati u għalhekk, bid-dovut rispett, ma jistax jiġi revokat u/jew rexiss minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Illi konsegwentement, fid-dawl tal-insostenibilità tal-ewwel u tat-tieni talba, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba wkoll għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

4. *Illi l-proċeduri jittrattaw, inter alia, il-ħruġ ta' liċenzji mill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob, partikolarment f'dawk li huma deskritti minn Maltco bħala Additional Games fil-konċessjoni mogħtija lir-rikorrenti Maltco Lotteries Limited, b'dan s-soċjetà esponenti Gaming Operations Limited mhijiex parti mill-ftehim bejn Maltco Lotteries Limited u l-intimati u għalhekk mhemmx kjarezza dwar x'jirrappreżentaw dawn l-Additional Games li għalihom jagħmlu referenza l-*

*atturi, u li dejjem kien ċar li d-drittijiet ta' esklussività kienu limitati għal-logħob tal-Lottu, Super 5 u l-Grand Lottery;*

5. *Illi s-soċjetà esponenti hija soċjetà debitament awtorizzata sabiex topera fis-settur inkwistjoni, ċioè s-settur tal-logħob tal-azzard, u ilha topera f'dan is-settur għal diversi snin mingħajr qatt ma kellha ebda forma ta' ilment jew problema mal-awtoritajiet konċernati u/jew ma' utenti tagħha;*

6. *Illi wara proċess rigoruż, trasparenti u pjenament regolat mill-Gaming Devices Regulations is-soċjetà esponenti Gaming Operations Limited, ġiet awtorizzata, permezz ta' liċenzji ta' Klassi 1, Klassi 2 u Klassi 3 maħruġa a tenur tal-istess regolamenti, topera fis-settur tal-Gaming Devices, fost l-oħrajn fis-settur tal-Sports Betting, taħt l-isem ta' IZIBET;*

7. *Illi qabelxejn irid jingħad li dawn il-liċenzji kienu ġia ngħataw lil Gaming Operations Limited u din ġia kienet bdiet topera qabel mal-atturi Maltco ngħataw il-konċessjoni u l-liċenzja tagħhom.*

8. *Illi barra minn hekk il-Malta Racing Club ġia kienet topera hekk imsejħa Additional Games fuq tiġrijiet taż-żwiemel esteri qabel mal-atturi Maltco ngħataw il-konċessjoni u l-liċenzja tagħhom, b'dan li huwa għalhekk ċar li s-suq ta' dak li Maltco jirreferu għalihom bħala Additional Games ġia kien jeżisti u jopera qabel mal-Maltco ngħatat il-liċenzja u l-konċessjoni;*

9. *Illi madankollu, permezz tal-preżenti proċeduri, s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sens li l-liċenzji maħruġa lil terzi jiksru l-kundizzjonijiet tal-liċenzja u/jew l-konċessjoni mogħtija lilhom u s-soċjetà attriċi qiegħda titlob ir-revoka tal-proċess kollu li wassal għall-ħruġ tal-liċenzji li ngħataw lil terzi, fosthom Gaming Operations Limited, li ngħatat liċenzja leġitimament mill-Awtorità, liema liċenzja kienet saħansitra tippreċedi dik mogħtija lill-atturi;*

10. *Illi barra minn hekk l-esponenti intervenuta fil-kawża teċċepixxi li l-ħruġ tal-liċenzji tagħha sar wara proċess appositu u li abbażi ta' dawn il-liċenzji s-soċjetà intervenuta fil-kawża għamlet investiment sinifikanti ħafna, kemm fuq apparat debitament ċertifikat minn laboratorji indipendenti ta' testjar akkreditati fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jew Stati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea jew ġurisdizzjonijiet oħra jew territorji oħra approvati mill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob u rikonoxxuti mill-Awtorità bħala li għandhom l-akkreditazzjoni meħtieġa biex joħorġu ċertifikat li jiċċertifika li kull apparat liċenzjat hu*

*konformi mad-dritt komunitarju u ma' standards li jistgħu jkunu applikabbli min żmien għal żmien u mal-Gaming Devices Regulations, kif ukoll permezz tal-impjieġ ta' aktar minn 150 persuna, f'settur li huwa pjenament regolat u li fih l-atturi mhumiex, ex admissis, intitolati għall-ebda esklussività;*

11. *Illi di più huwa totalment skorrett da parti tas-soċjetà attriċi li tittanta targumenta li l-attivitajiet tal-esponenti mhumiex regolamentati b'xi liġi, billi l-operat tal-esponenti huwa fil-fatt pienament regolat mill-Gaming Devices Regulations, f'mod ferm aktar stringenti u oneruż mill-operat ta' Maltco Lotteries Limited u huwa wkoll skorrett da parti tas-soċjetà attriċi li donnha tipprova tagħti x'tifhem li dawk li tirreferi għalihom hi bħala Additional Games huma b'xi mod milquta b'xi obbligi ta' esklussività billi dejjem kien ċar li d-drittijiet ta' esklussività kienu limitati biss għal-logħob tal-Lottu, Super 5 u l-Grand Lottery;*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi provvediment li jidhrilha opportun, tiċħad it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, partikolarment iżda mhux esklussivament it-tieni talba li hija diretta kontra s-soċjetà esponenti, billi huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;*

*B'riserva għal kull azzjoni ulterjuri li għaliha hija jew tista' tkun intitolata s-soċjetà Gaming Operations Limited, inkluża azzjoni għad-danni kontra l-partijiet l-oħra kollha f'din il-kawża.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2016 fejn laqgħet it-talba biex qabel kull ħaġa oħra jiġu ttrattati l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Ministri konvenuti u għalhekk ordnat l-inverżjoni tal-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mill-kontendenti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Fl-udjenza tad-19 ta' April, 2017 semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Ministri konvenuti li ġiet reġistrata bil-mezz elettroniku.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' April, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Ministri konvenuti.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

L-azzjoni attriċi hija bbażata fuq allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-konċessjoni li kienet mogħtija lis-soċjetà attriċi għal għaxar snin mis-27 ta' Ġunju, 2012 mill-konvenut Ministru tal-Finanzi u ta' liċenzja maħruġa mill-konvenuta Awtorità Maltija dwar il-Logħob biex tkopri l-istess konċessjoni, dan meta skont is-soċjetà attriċi hija kienet ingħatat esklussività għal 10 snin fit-tmexxija tan-*National Lottery Games,* ċjoè l-Lotterija Nazzjonali, is-*Super Five* u l-Lottu, kif ukoll għal *Additional Games,* logħob fuq *events* sportivi, bl-intendiment li jekk waqt tali konċessjoni tiġi promulgata liġi li tirregola l-*Additional Games,* l-Awtorità konvenuta tkun tista' tibda tilliċenzja entitajiet oħrajn biex joperaw fis-suq tal-*Additional Games,* bil-kundizzjoni li f'dik l-eventwalità s-soċjetà attriċi tingħata perjodu transitorju ta' 18-il xahar. Is-soċjetà attriċi tallega illi minflok, f'Ġunju tal-2015 bdew jingħataw liċenzji għal ħwienet tal-logħob li jipprovdu *Additional Games* u dan taħt il-pretest li dawn kienu diġà regolati bil-liġi u konsegwentement ġew irrekati danni inġenti lis-soċjetà attriċi. Għaldaqstant is-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi jiġu revokati l-

atti kollha li wasslu għal-liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' tali operaturi terzi illi ngħataw liċenzji biex joperaw *Additional Games* u qiegħda titlob ukoll illi jiġu llikwidati d-danni sofferti u ħlas ta' tali danni mill-istess konvenuti jew min minnhom hu responsabbli.

Filwaqt li l-Ministri konvenuti u l-Awtorità konvenuta, kif ukoll is-soċjetà intervenuta fil-kawża Gaming Operations Limited, ilkoll kemm huma jiċħdu l-addebiti u l-allegazzjonijiet tas-soċjetà attriċi u fil-fatt jaqblu, fost eċċezzjonijiet oħra, li l-imsemmija liċenzji kienu qed jingħataw ai termini ta' liġijiet li kienu diġà eżistenti qabel il-konċessjoni li ngħatat lis-soċjetà attiċi[4], il-Ministri konvenuti eċċepew żewġ eċċezzjonijiet preliminari, li proprju dwarhom qiegħda tingħata din is-sentenza: (i) Illi l-Ministru tal-Finanzi mhux il-leġittimu kuntradittur a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante (a) il-konċessjoni lis-soċjetà attriċi ngħatat mill-Ministru responsabbli għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob a tenur tal-Kapitolu 438 u (b) il-liċenzjar u l-approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob hu f'idejn l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob; (2) Illi l-Ministru għall-Ekonomija, Investimenti u Intrapriżi Żgħar, li waqt il-mori tal-kawża assuma l-atti minfloku l-Ministru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi (minn issa 'l quddiem "il-Ministru li assuma l-atti"), lanqas mhu leġittimu kuntradittur stante li t-talbiet attriċi qed jirreferu għal liċenzjar li nħareġ bi ksur tal-konċessjoni u tali liċenzjar jaqa' taħt il-mansjonijiet awtonomi tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob.

[4] Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar Lotteriji u Logħob ieħor, u partikolarment L.S. 438.07 – Regolamenti dwar Apparat għal-Logħob.

Għaldaqstant qed jintalab il-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju taż-żewġ Ministri konvenuti biex il-kawża tkompli tipproċedi biss kontra l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob.

**Provi u riżultanzi**

Biex persuna tkun ikkunsidrata jekk hijiex leġittimu kuntradittur f'kawża, iridu jiġu stabbiliti l-fatti tal-każ. Kif inhu risaput, il-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna li min jallega jrid jipprova jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minħabba l-pretensjonijiet li l-istess konvenuti Ministri qed jivvantaw, li huma mhux il-leġittimi kontradittturi, sta għalihom li jipprovaw dan bil-fatti. Kien għalhekk illi l-Qorti fl-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2016 ordnat l-inverżjoni tal-provi.

Bħala parti mill-provi prodotti mill-Ministri konvenuti, xehed **Matthew Vella**[5], Direttur fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Investimenti u Intrapriżi Żgħar, illi qal li l-liċenzjar u l-approvazzjoni ta' magni tal-logħob jaqa' esklussivament fil-mansjonijiet tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob *ai termini* tat-Taqsima IV tal-Kapitolu 438. Ikkonferma wkoll li l-Awtorità topera b'mod indipendenti mill-Ministeru li jaqa' taħtu u li l-istess Ministeru qatt ma kellu involviment fil-passat jew fil-preżent, direttament jew indirettament, f'tali liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob.

[5] *A fol.* 79 tal-proċess.

Id-Direttur Ġenerali fi ħdan dan il-Ministeru tal-Finanzi, **Claude Cuschieri** waqt ix-xhieda tiegħu[6] jagħmel riferiment għall-artikolu 26 tal-Kap. 438, fejn jingħad li l-Ministru responsabbli għal-Lotterija Nazzjonali hu l-Ministru responsabbli għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob[7], li għandu l-poter li jagħti konċessjoni dwar l-operat tal-lotterija nazzjonali. Spjega li l-konċessjoni mogħtija lis-soċjetà attriċi kienet iffirmata minn Alfred Camilleri li dak iż-żmien kien is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi, Ekonomija u Investiment. F'Marzu 2013[8] dan il-Ministeru nqasam f'żewġ Ministeri, il-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministeru għall-Ekonomija, Investimenti u Intrapriżi Żgħar li ngħata r-responsabbilità għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob. Dan ix-xhud jgħid ukoll li l-liċenzjar u approvazzjonijiet ta' logħob u magni tal-logħob jaqa' fil-mansjoni esklussiva tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob li topera b'mod indipendenti mill-imsemmi Ministeru.

Għall-ittra uffiċjali datata 13 ta' Awwissu, 2015 mibgħuta mis-soċjetà attriċi, fl-ittra uffiċjali responsiva tiegħu datata 28 ta' Awwissu, 2015[9], il-Ministru tal-Finanzi kien wieġeb li "fl-ewwel lok jinfurmak illi ma jirrispondix għall-allegazzjonijiet u pretensjonijiet vantati minnek inkwantu li l-mertu tal-istess jaqa' fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Investimenti u Intrapriżi Żgħar u l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob."

Fix-xhieda tagħha **Dr Edwina Licari**[10] *Chief Officer Legal, EU and International Affairs* fl-Awtorità Maltija dwar il-Logħob, tispjega li skont it-Taqsima IV tal-Kap. 438, l-Awtorità hi esklussivament responsabbli għal liċenzji tal-logħob. Il-

[6] *A fol.* 83 tal-proċess.
[7] It-tifsira ta' 'Ministru' tinsab fl-artikolu 2 tal-Kap. 438.
[8] Skont informazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Marzu, 2013 *a fol.* 84 sa 97 tal-proċess.
[9] *A fol.* 32 tal-proċess annessa mar-Risposta Maħlufa tal-Ministeri konvenuti, u li tinsab ukoll mad-dokumentazzjoni esebita fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1852/2015SM.
[10] *A fol.* 101 sa 105 tal-proċess, fejn sar ukoll kontro-eżami.

Bord tal-Awtorità hu responsabbli għall-*policies* u l-*Executive Committee* magħmul miċ-*Chief Officers* tal-Awtorità huwa responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-*policies.* In kontroeżami x-xhud tispjega li l-Awtorità ovvjament tiffunzjona fl-ambitu tal-Kap. 438 u l-Ministru responsabbli jista' jagħti direzzjoni fl-interess pubbliku.

Dr Licari tgħid ukoll illi l-ħruġ tal-konċessjoni u tal-liċenzja lis-soċjetà attriċi kienet saret b'kollaborazzjoni bejn il-Gvern u l-Awtorità, l-Awtorità ffirmat il-liċenzja u l-konċessjoni nħarġet mill-Ministeru responsabbli mill-Awtorità dak iż-żmien, ċjoè l-Ministeru tal-Finanzi. Però mistoqsija[11] jekk fil-fatt in-nomenklatura sħiħa kinitx *Ministry of Finance, Economy and Investment* u fil-fatt is-Segretarju Parlamentari li ffirma l-konċessjoni ffirma għan-nom ta' dak il-Ministeru, Dr Licari tgħid li jekk hemm kien hekk imniżżel, allura hekk hu. Hi tispjega li għalkemm il-liċenzja u l-konċessjoni huma separati, il-liċenzja toħroġ biss lil min jingħata konċessjoni u ovvjament jekk tiġi sospiża l-liċenzja dejjem kien jibqa' l-kweżit dwar x'jiġri mill-konċessjoni.

Ix-xhud Dr Edwina Licari prodotta in kontroeżami mis-soċjetà attriċi[12] spjegat li fil-każ tas-soċjetà attriċi, l-Awtorità konvenuta u l-Gvern kienu kkonsultaw bejniethom biex ma jkunx hemm problema li jekk tiġi rtirata l-liċenzja, tibqa' valida l-konċessjoni, anki jekk il-ksur ikun tal-liċenzja. Kundizzjoni tal-konċessjoni kienet il-liċenzja. Il-*Privatisation Unit* tal-Gvern kienet ikkonsultat mal-Awtorità qabel ma nħareġ it-*tender* tal-lotterija nazzjonali. Dr Licari spjegat li filwaqt li l-konċessjoni u l-liċenzja tas-soċjetà attriċi jagħmlu riferiment għal *Additional Games* li jinkludu *sports betting,* bis-saħħa tal-Avviż

[11] *A fol.* 128.
[12] *A fol.* 118 sa 140 tal-proċess.

Legali L.S. 438.07, Regolamenti dwar Apparat għal-Logħob, setgħu jiġu liċenzjati *gaming devices* li joffru anki l-possibbiltà ta' *sports betting.* Din is-sitwazzjoni kienet ilha teżisti sa minn meta kienu joperaw il-*gaming parlours* li dejjem setgħu jibdlu l-logħob li kellhom.

Ix-xhud Dr Edwina Licari tgħid ukoll fir-rigward tal-każ odjern illi s-Segretarju Parlamentari fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-Awtorità konvenuta kien intervjena dwar l-ilmenti li s-soċjetà attriċi kienet għamlet mal-Ministeru konvenut u s-Segretarju Parlamentari Dr José Herrera kien laqqa' lill-Awtorità konvenuta u lis-soċjetà attriċi biex jippruvaw jilħqu ftehim. Ix-xhud ikkonfermat li fl-10 ta' Mejju, 2016 il-Ministeru responsabbli għall-Awtorità konvenuta kien inbidel. Fil-fatt il-Ministru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi assuma l-atti minflok l-Ministru għall-Ekonomija, Investimenti u Intrapriżi Żgħar fil-mori tal-kawża.[13]

Ix-xhud Dr Edwina Licari baqgħet tinsisti li l-Awtorità konvenuta hi indipendenti mill-Ministeru fil-funzjoni tagħha tal-liċenzjar, però tikkordina flimkien mal-Ministeru, kif kien sar meta kkonsulta magħhom il-Ministeru biex ħareġ it-*tender* tal-Lotterija Nazzjonali u biex ikkordinaw il-konċessjoni sussegwenti tal-Ministru mal-liċenzjar.

**Vasileios Kasiotakis**[14], is-CEO tas-soċjetà attriċi, jispjega li hu kien involut fin-negozjar tal-liċenzja tal-Lotterija Nazzjonali fl-2004 u kien ukoll parti mit-tim li nnegozja b'suċċess it-tieni liċenzja tal-Lotterija Nazzjonali fl-2012. L-ewwel liċenzja tal-Lotterija Nazzjonali kienet mogħtija lil Maltco fl-2004 u kienet

[13] *A fol.* 156 tal-proċess, fit-3 ta' April, 2017.
[14] *A fol.* 110 sa 112 tal-proċess.

tifforma parti minn pakkett voluminuż ta' dokumentazzjoni u kienet kontrofirmata miċ-Chairman tal-Malta Gaming Authority (illum l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob) u mill-Ministru tal-Finanzi. Fl-2012 il-Gvern Malti struttura l-proċess tal-aġġudikazzjoni b'tali mod li wara li sar proċess wieħed u unitarju, il-proċess tal-aġġudikazzjoni ntemm bl-iffirmar u bl-eżekuzzjoni tal-ftehim dwar il-konċessjoni mal-Ministeru tal-Finanzi, liema ftehim ikun jippermetti li l-konċessjonarju jingħata il-liċenzja tal-Lotterija Nazzjonali mil-Lotteries and Gaming Authority (illum l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob). Dan kien l-eżitu ta' proċess wieħed u ta' sett wieħed ta' negozjati, u fil-fatt iż-żewġ dokumenti ġew iffirmati simultanjament fis-27 ta' Ġunju, 2012 u wara xhur ta' diskussjonijiet bejn Maltco fuq naħa u tim kompost minn uffiċjali għoljin mill-Ministeru tal-Finanzi, mill-Privitisation Unit u Lotteries and Gaming Authority, fuq in-naħa l-oħra.

Ix-xhud Vasileios Kasiotakis jispjega li s-soċjetà attriċi qiegħda tiċċita bħala konvenuti f'din il-kawża kemm lill-Ministeru tal-Finanzi u lill-Ministru għall-Ekonomija Investiment u Intrapriżi Żgħar, bħala s-suċċessur fir-responsabbiltajiet ministerjali tiegħu għal-Lotterija Nazzjonali u għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob, u lill-istess Awtorità peress illi skont l-istess xhud, kien hemm ksur kemm tad-dispożizzjonijiet tal-konċessjoni u kemm tal-dispożizzjonijiet tal-liċenzja. Iżda s-soċjetà attriċi ma tistax taġixxi kontra l-Awtorità konvenuta għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-konċessjoni stante li din ma kinitx firmatarja tal-konċessjoni u bl-istess mod ma tistax taġixxi kontra l-Ministeru dwar il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liċenzja stante li l-Ministeru ma kienx firmatarju tal-liċenzja. Fl-aħħar nett ix-xhud Vasileios Kasiotakis jgħid li meta nbidlu r-responsabbiltajiet ministerjali wara l-elezzjoni ġenerali tal-2013, kien ċar liema Ministru ngħata ir-responsabbilità għal-Lotterija Nazzjonali u

għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob, iżda allega li l-Ministeri kienu qed joħolqu ostakli proċedurali.

In kontroeżami x-xhud Vasileios Kasiotakis jgħid[15] li l-konċessjoni ngħatat mill-Ministeru tal-Finanzi kif kienet l-istruttura dak iż-żmien. Ma xtaqx jesebixxi kopja tal-konċessjoni għax din għadha sal-lum koperta bl-obbligu tal-kunfidenzjalità. Spjega illi s-soċjetà attriċi aġixxiet kontra l-Ministru tal-Finanzi jew is-suċċessuri tiegħu għax kien dan li ffirma l-konċessjoni, filwaqt li aġixxiet ukoll kontra l-Awtorità konvenuta għax kienet hi li ħarġet il-liċenzja.

Xehed ukoll **Reuben Portanier**[16], ex-CEO tal-Lotteries and Gaming Authority, illum l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob li qal li bħala CEO tal-Awtorità flimkien ma' uffiċjali oħrajn tal-Awtorità u ma' uffiċjali tal-*Privitization Unit* u l-*Mimcol* u rappreżentant tal-Ministeru tal-Finanzi, kien ippartecipa fil-proċess ta' għażla tal-aħjar offerta għall-konċessjoni tal-Lotterija Nazzjonali. L-ewwel għażlu l-aħjar offerta uimbagħad inbdew in-negozjati li wasslu biex il-Ministru ffirma l-konċessjoni u hu ffirma l-liċenzja.

Xehed ukoll **Tonio Fenech**[17], li kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Finanzi bejn l-2008 u l-2013. Jgħid illi wara li s-soċjetà attriċi kienet intgħażlet bħala l-aħjar offerent, ġew iffirmati fl-istess data tas-27 ta' Ġunju, 2012, il-konċessjoni bejn il-Gvern u s-soċjetà attriċi u nħarġet ukoll il-liċenzja mill-Awtorità konvenuta favur is-soċjetà attriċi. Apparti affarijiet oħra li jirrelataw iktar mal-mertu, ix-xhud Tonio Fenech isemmi li l-konċessjoni ġiet iffirmata minn Alfred

[15] *A fol.* 138 sa 140 tal-proċess.
[16] *A fol.* 133 u 134 tal-proċess.
[17] *A fol.* 135 u 136 tal-proċess.

Camilleri, Segretarju Permanenti tal-Ministeru immexxi minnu u l-liċenzja ġiet iffirmata mis-CEO tal-Awtorità konvenuta Reuben Portanier.

In kontroeżami[18] x-xhud Tonio Fenech jgħid li s-settur tal-logħob kien dejjem jaqa' taħt il-Ministeru responsabbli mill-finanzi. Mill-2004 sal-2008 huwa kien Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru li kien responsabbli wkoll mill-finanzi u fl-2008 hu kien ġie maħtar Ministru tal-Finanzi u kien dam f'din il-kariga sal-2013. Ix-xhud jippreċiża illi l-konċessjoni ġiet iffirmata għan-nom tal-Ministeru tal-Finanzi dejjem in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta. In kontroeżami jispjega wkoll illi n-nomenklatura sħiħa tal-Ministeru tiegħu kienet Ministru tal-Finanzi u l-Ekonomija u l-Investimenti.[19]

## Kunsiderazzjonijiet legali

Wara li eżaminat il-provi li tressqu mill-partijiet f'din il-kawża limitatament għar-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari imressqa mill-Ministri konvenuti fejn qiegħed jiġi eċċepit illi li l-ebda wieħed minnhom mhu leġittimu kuntradittur, il-Qorti ser tagħmel rassenja qasira tal-prinċipji ġuridiċi li joriġinaw mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna rigward l-eċċezzjoni tal-leġittimu kuntradittur.

Din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Av. Michael Psaila *noe vs.* Joseph Pace *et***,[20] spjegat illi:

[18] *A fol.* 152 u 153 tal-proċess.
[19] *A fol.* 152 tal-proċess.
[20] 03.10.2008.

"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."

Kif spjegat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet B**urmarrad Commercials Limited vs Desmond Mizzi *et***[21]:

"B'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem dak l-att jew pluralità t'atti konnessi li jimmiraw għall-produzzjoni t'effetti ġuridiċi fl-ambitu tad-drittijiet bejn żewġ soġġetti jew aktar. …

Huwa ferm evidenti minn natura u l-kontenut ta' dawn l-aggravji illi dak li jitqies primarju li jiġi investigat hi x-xorta ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet in kwantu minnha jrid imbagħad jirriżulta jekk l-appellanti kellux jitqies bħala l-leġittimu kontradittur di fronte għas-soċjetà attriċi."

Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo *et vs.* Jason Azzopardi *et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri[22] dwar l-istitut tal-leġittimu kontradittur fejn intqal:

"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabbilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.

Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa, dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx

[21] 28.02,2007.
[22] 05.10.2001.

> li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ - illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża." [23]

Kif ġie osservat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[24] fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma *et vs.* Emanuel Grixti,** jingħad li:

> "B'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem l-eżistenza ta' rapport bejn iż-żewġ partijiet in virtù ta' liema l-wieħed, kreditur għandu d-dritt jippretendi mingħand l-ieħor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tiegħu. Obbligazzjoni din li tista' tkun waħda kemm *'di dare'* jew *'di fare'* jew *'di non fare'*. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wieħed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgħa."

Jekk dan l-insenjament jiġi applikat għall-provi prodotti mill-partijiet fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-Ministri konvenuti, jirriżulta li l-bażi tal-azzjonijiet attriċi fil-konfront tal-konvenut Ministru tal-Finanzi huwa l-fatt illi dan kellu sehem ewlieni fid-diskussjonijiet li wasslu eventwalment għall-għoti tal-konċessjoni u tal-liċenżja lil Maltco. Is-soċjetà attriċi ssostni illi kienet ingħatat drittijiet esklussivi mhux biss fir-rigward tal-lotteriji nazzjonali (il-Lotterija Nazzjonali, il-Lottu u s-Super5) imma anki fir-rigward ta' *additional games*, għall-inqas għall-perjodu ta' żmien jiġu promulgati regolamenti li jirregolaw dan is-settur. Is-soċjetà attriċi tallega li d-dispożizzjonijiet tal-konċessjoni u tal-liċenzja ġew miksura bl-għoti mill-Awtorità Maltija dwar il-

---

[23] Vide f'dan is-sens ukoll Q.A. (Sede Inf.) **Yvonne Camilleri *vs.* Alred Caruana *et*** datata 14.02.2014 u P.A., **Edward *sive* Eddie Sciberras *vs.* Joseph Satariano**, 09.02.2017.
[24] 10.01.2007

Logħob ta' liċenzji lil ħwienet tal-logħob terzi li jawtorizzawhom joperaw f'Malta l-*Additional Games.*

Mid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Ministri konvenuti u anki mix-xhieda tal-Ministru ta' dak iż-żmien, l-Onor. Tonio Fenech, meta spjega n-nomenklatura tal-Ministeru li kien jokkupa, jirriżulta li effettivament il-Ministru involut fin-negozjati li saru fl-2012 kien il-Ministeru għall-Finanzi, Ekonomija u Investiment. F'Marzu 2013 ir-responsabbiltajiet ta' dan il-Ministeru nqasmu taħt żewġ Ministeri, u ċjoè l-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministeru għall-Ekonomija, Investimenti u Intrapriżi Żgħar, b'dan tal-aħħar jiġi assenjat ir-responsabbilità għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob u konsegwentement anki għall-konċessjoni tal-Lotterija Nazzjonali. Għaldaqstant il-Ministru tal-Finanzi qua l-Ministru responsabbli biss mill-Finanzi, m'għandux jitqies illi f'dawn il-proċeduri hu jew kien leġittimu kontradittur li jista' jwieġeb għat-talbiet attriċi. Evidentement il-Ministru tal-Finanzi ġie iċċitat f'dawn il-proċeduri mhux fil-kwalità tiegħu ta' Ministru tal-Finanzi imma fil-kwalità tiegħu ta' ministru responsabbli mill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob u allura responsabbli wkoll mill-konċessjoni tal-Lotterija Nazzjonali, liema responsabbiltà ministerjali llum tinsab assenjata lill-Ministru li assuma l-atti ta' din il-kawża qabel jew illum fil-kwistjoni tal-konċessjoni lis-soċjetà attriċi. Tqis illi l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri kien il-Ministru għall-Finanzi, Ekonomija u Investiment li eventwalment issuċċedieh fir-responsabbilitajiet tiegħu għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob u għal-Lotterija Nazzjonali, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, u li reċentement assuma l-atti minfloku l-Ministru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi.

Tqis għalhekk illi l-Ministru tal-Finanzi ġie iċċitat inutilment fil-proċeduri odjerni u mhuwiex leġittimu kontradittur li jista' jirrispondi għad-domandi attriċi għax ir-responsabbiltà ministerjali għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob u għal-Lotterija Nazzjonali ma taqax taħtu imma taqa' taħt il-Ministru li assuma l-atti.

Illi kwantu għall-Ministru għall-Kompetitttività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi, il-Ministri konvenuti jikkontendu illi jrid jiġi stabbilit ness bejn dan il-Ministru konvenut u t-talbiet attriċi fejn is-soċjetà attriċi qed tallega li ġarrbet danni b'konsegwenza tal-liċenzji maħruġa mill-Awtorità konvenuta u li allura hi l-Awtorità li semmai għandha tirrispondi. It-talbiet tas-soċjetà attriċi huma msejsa fuq il-premessi li hija kienet ġiet żgwidata meta fin-negozjati mal-Gvern li wasslu għall-għoti tal-konċessjoni kien sottointiż, skont hi, li għal ċertu żmien kienet se tgawdi minn drittijiet esklussivi għal dawk li huma *Additional Games*, imma eventwalment l-Awtorità konvenuta ħarġet liċenzji ai termini tal-A.L. 438.07 lil *gaming parlours* biex permezz ta' *gaming devices* joffru anki l-possibbiltà ta' *sports betting*.

Illi kwantu għat-talba tas-soċjetà attriċi sabiex jiġu revokati l-liċenzji mogħtija lil terzi, din it-talba tista' tirrispondi għaliha l-Awtorità konvenuta li skont il-Kap. 438 għandha personalità ġuridika distinta. Madankollu fir-rigward tat-talba attriċi għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni, huwa l-Ministru konvenut li assuma l-atti li jista' jirrispondi għall-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi inkwantu ta' dak li kien allegatament sotto-intiż bejn il-konċedent tal-konċessjoni u s-soċjetà attriċi u li abbażi tiegħu din tal-aħħar qed tippretendi li titħallas id-danni. Huwa biss wara li jiġi ttrattat il-mertu tal-kawża li jkun jista' jiġi stabbilit jekk bl-aġir tal-konvenuti jew min minnhom, konsegwenza ta' dak

li ntqal waqt it-trattattivi qabel l-għoti tal-konċessjoni u tal-liċenzja, ġew irrekati danni lis-soċjetà attriċi. Jekk mill-provi jirriżulta illi s-soċjetà attriċi waqt it-trattattivi mal-Gvern tabilħaqq ingħatat x'tifhem illi bil-konċessjoni li kienet se tingħata, is-soċjetà attriċi kienet se tibbenefika wkoll minn drittijiet esklussivi għal dawk li huma *additional games*, u li abbażi ta' dan l-intendiment is-soċjetà attriċi wetqet investiment li jiswa l-miljuni, huwa il-Ministru konvenut li assuma l-atti u/jew l-Awtorità konvenuta li għandhom iwieġbu għat-talba għad-danni jekk il-Gvern għal xi raġuni jew oħra mar lura minn dak li kien allegatament miftiehem mas-soċjetà attriċi.

Sintendi dakollu qed jingħad biss a bażi ta' *prima facie* għax mill-provi fil-mertu jista' jirriżulta li ma kien hemm ebda responasabbiltà għad-danni x'tingarr mill-konvenuti jew min minnhom. Il-Qorti tista' għas-saħħa tal-argument tikkonkludi wara li tkun semgħet il-provi kollha fil-mertu, illi l-Awtorità konvenuta m'għandhiex tinżamm responsabbli għal ħlas ta' danni għax ikun instab illi din qdiet il-funzjonijiet tagħha taħt il-liġi b'mod korrett u diliġenti u li huwa l-Ministru li assuma l-atti li għandu jagħmel tajjeb għad-danni subiti mis-soċjetà attriċi jekk mill-provi jirriżulta li l-Gvern waqt in-negozjati dwar il-konċessjoni ta xi garanziji lis-soċjetà attriċi li abbażi tagħhom din għamlet investimenti li jiswew ħafna flus li altrimenti ma kinitix tagħmel. Tqis illi dan ir-raġunament għandu japplika wkoll fl-ipoteżi li l-Ministru responsabbli għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob ikun ta garanziji li jistgħu jimpinġu fuq il-mansjonijiet tal-Awtorità konvenuta bħala entità awtonoma u indipendenti. Prima facie jirriżulta illi l-Ministru ċitat fil-ġudizzju li hu responsabbli mill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob kien parti mill-kontrattazzjonijiet bejn il-partijiet li wasslu għar-relazzjoni ġuridika ta' bejniethom u li minnha tnisslet l-azzjoni attriċi kif proposta. Jekk l-azzjoni

attriċi kif proposta għandhiex tirnexxi, hija kwistjoni li trid tistenna l-eżitu tal-provi fil-mertu li sintendi tmur lil hinn mill-eżami *prima facie* li qed isir għall-iskopijiet tal-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-Ministri konvenuti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Refalo *noe vs.* Jason Azzopardi *et***[25], intqal:

> "Konsidrata f'dawn it-termini, is-sentenza preliminari, li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut li hu ma kienx il-leġittimu kontradittur tal-attur, tirriżulta waħda ġusta, inkwantu l-fatti kif jirriżultaw fl-eżami limitat li l-ewwel Qorti neċessarjament kellha tagħmel, kienu pjenament jiġġustifikaw l-konklużjoni li l-konvenut appellant kellu għalxiex jirrispondi għat-talbiet attriċi billi dawn kienu adegwatament jistabbilixxu li hu kien intrometta ruħu fin-negozju li minnu oriġinat l-azzjoni. Il-kontestazzjoni dwar l-import ta' dak in-negozju u sa fejn dan kien jitfa' xi responsabilità fuq il-konvenut appellant, hu proprju l-mertu tal-kawża li għad irid jiġi epurat u deċiż. F'dan ir-rigward il-jeddijiet ta' kull parti in kawża kienu u għadhom impreġudikati kif għadhom impreġudikati l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha avanzati mill-istess konvenut appellant li dwarhom l-ewwel Qorti għad trid tiddelibera."

Mill-provi fil-mertu għad irid jiġi stabbilit u deċiż jekk kienx hemm responsabbiltà għal ħlas ta' danni li għandha tinġarr u f'każ li dan jirriżulta mill-provi, irid jiġi stabbilit fejn din ir-responsabilità tirrisjedi u jekk hemmx lok għal ħlas ta' danni jew le. Kwantu għall-ewwel żewġ talbiet attriċi, għad li dak li qed jintalab mis-soċjetà attriċi jaqa' fl-ambitu tal-mansjonijiet tal-Awtorità konvenuta, in-ness li għad irid jiġi stabbilit wara li jinstemgħu l-provi fil-mertu, huwa jekk is-soċjetà attriċi sofrietx danni b'konsegwenza ta' xi aġir skorrett mill-konvenuti jew min minnhom waqt it-trattattivi dwar il-konċessjoni jekk is-soċjetà attriċi ġiet żgwidata b'dak li kien sotto-intiż waqt in-negozjati, jew

---

[25] Q.A., 05.10.2001.

wara l-għoti tal-istess konċessjoni bl-għoti tal-liċenzji lil terzi mill-Awtorità konvenuta.

Tqis għalhekk fuq bażi *prima facie* illi f'dan l-istadju jridu jibqgħu fil-kawża bħala leġittimi kontraditturi kemm l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob li *del resto* ma ngħatat ebda eċċezzjoni preliminari fis-sens li hija mhix leġittimu kuntradittur, kif ukoll il-Ministru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi, li wiret ir-responsabbilitajiet ministerjali għal-Lotterija Nazzjonali u l-Awtorità Maltija għal-Logħob mingħand il-Ministru li kien qed jirrappreżenta lill-Gvern fit-trattattivi qabel ingħatat il-konċessjoni u nħarġet il-liċenzja.

__Decide__

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda kwantu għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Ministri konvenuti taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Ministri konvenuti u tillibera lill-Ministru tal-Finanzi mill-osservazzjoni tal-ġudizzju;**

2. **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Ministri konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawża bil-provi dwar il-mertu.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura qegħdin jiġu riżervati għall-ġudizzju finali.**

Moqrija.